u l-murtali fil-festi. U min tixxala miegħu, b'daqshekk turih li tgħożżu? Turih li tgħożżu jekk tbati miegħu u taħmel il-għaks għalieh!

* * *

Dawn għandhom ikunu ħsebijietkom, tfal, issa li għadkom żgħar. Idraw kunu rġiel ma' Ġesù biex meta tikbru ma tibżgħux mit-tbatija. Jekk tidraw tkunu Insara minn issa, il-hemm li fiha l-ħajja ta' kull Nisrani, 'il quddiem tarawh ħafif. Il-ħajja qasira, u kull ma fiha jgħaddi malajr. Ix-xalar jgħaddi malajr imma jħalli f'qalb il-bniedem sogħba u niket. It-tiġrib jgħaddi malajr ukoll, imma jħalli fil-qalb is-sliem u l-hena. Inkunu żgħar u ngħidu: "Meta sa nikbru?" u meta nikbru ngħidu: "Dal-waqt nixjieħu!" U meta nixjieħu, ngħidu: "Kemm xjaħna malajr, qisu l-bieraħ konna tfal!" U fl-aħħar tasal il-mewt, u wara l-mewt irridu mmorru quddiem il-Bambin biex jagħmel ħaqq minna ta' dak li nkunu għamilna fid-dinja.

U jien ukoll, għal hekk qiegħed nieħu s-sabar u niktbilkom. Biex meta mmut u mmur quddiem il-Bambin, u jgħidli: "X'ġibtli miegħek mid-dinja?" Ngħidlu: "Dawn il-karti, Bambin." Jgħidli: "X'fihom miktub?" Ngħidlu: "Żewġ kelmiet liż-Żgħar!"

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*L-Iskejjel Insara fil-Ġordanja.*—Fil-Ġordanja hemm 17-il skola Nisranija li fihom jitgħallmu 6,980 subjien u 7,490 bniet. 21 minn dawna huma skejjel għat-tfal żgħar, 72 skejjel elementari u 24 skejjel sekondarji. Dawna huma barra mill-iskejjel tat-tfal iltiema li ma humiex imsemmija. Issa l-Ħakma Ġordanija trid li fl-iskejjel tal-Insara wkoll ma jsirx tagħlim nhar ta' Ġimgħa, li hu jum il-btâla tal-Misilmin. Trid ukoll li l-kotba tal-iskola jgħaddu minn idejn il-Ministru tat-Tagħlim, li huwa Mislem. U li l-iskejjel ma jistax ikollhom flus ħlief kemm-kemm ilaħħqu man-nefqa. Il-Patrijarka ta' Ġerusalem talab lil Insara biex jitolbu l-Bambin biex il-ħall ta' dil-kwistjoni tal-iskejjel toħroġ tajjeb, għax hija ta' hemma kbira.

*Mewt tal-Patrijarka Grieg Ortodoss.* — Miet f'Ġerusalem il-Patrijarka Grieg Mons. Timotew Timelis, li kellu taħt idejh il-knejjes Griegi kollha tal-Palestina. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja Griega ta' fuq Ġebel iż-Żejtun. Kellu 87 sena. Il-Patrijarka twieled fil-gżira ta' Samos, qrib Smirna, fis-sena 1878 u hemm ukoll tgħallem l-ewwel tagħlim tal-iskola. Ta' għoxrin sena ġie Ġerusalem fejn tgħallem it-Teoloġija u sar qassis. Minn hemm siefer għal Oxford biex jitħarreġ sewwa fit-tagħlim. Kif raġa' l-Palestina beda għaddej 'il quddiem sa kemm laħaq Patrijarka. Kien kittieb tajjeb u mexxej tar-rivista Griega: "Nea Sion".

*Id-"Divina Commedia" bil-Lhudi.* — Il-għana ta' Dante, *L'Inferno, Il Paradiso*, etc., issa jinsab maqlub ukoll bil-lsien Lhudi. Qalbu l-Professur Dr. Manwel Glasvanger u ħareġ tajjeb tas-sew. Jingħad min-nies li jifhmu li dal-ktieb huwa wieħed mill-aħjar biċċiet tal-Letteratura Lhudija fi żmienna.

*Qada tal-Qorti Lhudija.* — Wieħed Nisrani, Grieg Kattolku, ingħatatlu sentenza mill-Qorti Nisranija f'Ħajfa li għandu jgħajjex lil martu li hu mifrud minnha. Dana appella s-sentenza f'Qorti oħra li fiha ppresieda Mons. Vergani, b'ordni tal-Patrijarka Grieg Kattolku, u tilifha wkoll. Imbagħad appella fil-Qorti għolja tal-Lhud, u ġieb dawn ir-ragunijiet: li Mons. Vergani kien ta' Rit Latin, waqt li d-*defendant* kien ta' Rit Grieg; li l-Patrijarka Grieg Kattolku, li qiegħed f'Libnan, ma kellux jedd fuqu, għax huwa qiegħed fl-art ta' Israel. Il-Qorti Lhudija weġbitu hekk: (a) li l-liġijiet tal-Kommunità Griega kienu jħallu lil Patrijarka li jagħżel Imħallfin ta' Rit ieħor ukoll; (b) Il-Patrijarka, ikun fejn ikun, għandu dejjem il-jedd li jagħżel Imħallfin f'pajjiżi oħra; (ċ) li ma kenitx ħaġa li taqbel li Qorti Ċivili tindaħal f'ħaġa li tmiss biss lil Tribunal Reliġjuż. Għal hekk dar-raġel raġa' tilef il-kawża mill-ogħla Qorti tal-Lhud ukoll.

*Għarab jaqalbu Lhud.* — Il-Ħakma Ġordanija għarrfet li kienet imħabbra li għoxrin Għarab misilmin u ħamsa Għarab Insara qalbu, u ħaddnu d-din tal-Lhud f'Israel. Dana ġara, kif intqal, biex il-Għarab jeħelsu minn xi moħqrija u biex jingħatalhom ix-xogħol minn għand il-Lhud.

*Kardinal Armen f'Damask.* — Il-Kardinal Armen-Kattolku, l-Eminenza Tiegħu Girgor Pietru Agagiagian, Patrijarka Armen taċ-Ċiliċja, għamel żjara lill-President tar-Republika Sirjana. Il-Kardinal qaddes quddiesa kbira fil-knisja tal-Franġiskani li tinsab f'naħa tal-belt jgħidulha Bab Tuma, li marru jisimgħuha l-kbarat tal-Knisja u tal-Ħakma tal-pajjiż. Il-President tar-Republika libbes lill-Kardinal bid-*Dekorazzjoni* msejħa tal-Istiħqâq.

*Il-Madonna ta' Fatma f'Nażaret.* — F'Nażaret inġiebet statwa tal-Madonna ta' Fatma u għamlulha għid sabiħ. Ġebuha fuq karru mżejjen b'ward u dwal u kienet milqugħa fi dħul il-belt minn għliba t'Insara bid-dwal jixgħelu f'idejhom. Hemm għamel taħdita sabiħa l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Grieg Kattolku Mons. Ħakîm. Imbagħad dawwruha mal-belt imsieħba mill-Insara bil-fanali jixgħelu u daħħluha fil-knisja tal-Griegi Kattolki fejn għamel taħdita oħra Mons. Anton Vergani, rappresentant tal-Patrijarka Latin f'Israel.

*Mewt għall-qarreqin.* — F'Libnan għaddiet liġi ġdida li biha l-qorti jista' jagħti l-mewt lil min jinqabad ibiegħ xi ħaġa lin-nies ta' Israel jew jixtri xi ħaġa minn għandhom. Israel hu l-pajjiż il-ġdid tal-Lhud li hu biċċa mill-Palestina.

*Xita bil-qliel.* — Wara żmien twil ta' xegħta, jew nixfa kbira fil-Palestina, li l-ilma kien jinbiegħ bil-kejl bħall-inbit, issa niżlet xita hekk qawwija li għamlet mhux ftit ħsara fir-rħula u fl-ibliet. Waħda mill-ħsarat li messet lill-Imkejjen Imqaddsa kienet il-fawrien tal-Wied ta' Kedron, fejn hemm il-Ġetsemni u l-Qabar tal-Madonna. Dan il-wied li ma jiġrix fih ilma għajr meta tagħmel xita qalila, dis-sena far; u l-ilma tiegħu baqa' dieħel u mela l-knisja tal-Qabar tal-Madonna u l-Għar tal-Ġetsemni, li jinsabu taħt l-art. Kellhom jinġiebu l-pompi bil-muturi biex jiġbdu l-ilma u biex jitbattlu damu kemm il-jum. Kull ma kien hemm f'dawn iż-żewġ imkejjen (bankijiet, tapezzerija, inkwatri, ħwejjeġ tal-quddiesa u hekk) kollox ixxarrab. Xi kemm tilħaq il-ħsara għadhom ma jafux.

*Id-Dejr tal-Beneditttini.* — Id-Dejr li r-rħieb Benedittini Ġermaniżi għandhom fuq Sijon, Ġerusalem, fil-post qrib iċ-Ċenaklu, kienet ġratlu ħsara kbira fi żmien il-ġlied bejn il-Għarab u l-Lhud, billi qiegħed fil-għoli fuq il-ħdud bejn iż-żewġt ignus. Issa ndaħlet għalieh u sewwietu x-Xirka Ġermaniża msemmija: "Deutscher Verein vom Heiligen Land" ta' Kolonja, b'serħan ta' moħħ il-Kattolki kollha ta' Ġerusalem.

## AĦBARIJIET TA' MALTA

### IL-ĠURNATA TAL-QABAR TA' KRISTU FIL-PARROĊĊI

Ma' tul l-aħħar tliet xhur għamilna "Jum il-Qabar ta' Kristu" f'dawn il-Parroċċi.

*Jannar:* Santa Vennera; San Publju, Floriana; San Duminku, il-Belt; Santa Marija, Ħ'Attard; San Filippu, Żebbuġ; San Ġorġ, Qormi.

*Frar:* San Ġużepp, Msida; San Pawl, Rabat; Sacro Cuor, Sliema; San Lawrenz, Birgu; Immakulata, Bormla.

*Marzu:* Il-Bambina, L-Isla; L-Erwieħ, il-Belt; San Ġwann, il-Belt; San Pawl, il-Kattidral; Nawfraġju ta' San Pawl, il-Belt.

Kull fejn morna l-Kappillani laqgħuna b'idejhom miftuħa u tawna l-għajnuna tagħhom kollha u n-nies laqgħuna tajjeb wisq ukoll. Niżżuħajr lir-Rev.di Kappillani, fuq kollox, u lill-poplu wkoll.

Nixtiequ li kulħadd iżomm quddiem għajnejh li l-flus li niġbru jmorru għall-ħtiġiet tal-Imkejjes Imqaddsa, u xi ħsara kbira tkun għall-Knisja Kattolka jekk għan-nuqqas ta' flus, nitilfu xi mkien minn dawn il-postijiet Imqaddsa, bħalma diġà tlifna. Ħtija tan-nuqqas ta' flus il-Qabar Għażiż tal-Madonna, li kien f'idejn il-Franġiskani, issa ilu mitejn sena f'idejn ix-Xismatki (mill-1757). Hemm, li qabel kien kollu tagħhom weħedhom, il-Kattolki ma għadx baqagħlhom ħlief il-jedd żgħir li jidħlu jgħidu ħames Pater, Ave u Glorja *darba biss* fis-sena.

Il-Post Imqaddes fejn twieled Ġesù, ġewwa Betlehem, li dari kien kollu tal-Kattolki, issa, il-Bażilka l-qadima, ta' żmien Santa Liena, qiegħda f'idejn ix-Xiżmatki u fil-Għar Imqaddes il-Kattolki ma għandhomx għajr artal wieħed. Fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu wkoll, meta nħarqet (jew ħarquha) fis-sena 1810, il-Franġiskani, jiġifieri l-Kattolki, tilfu ħafna jeddijiet, għax dak iż-żmien, l-aktar ħtija tal-gwerer ta' Napuljun, ma kellhomx flus biex isewwuha.

Ġrajjiet bħal dawn jaqbel li nżommuhom xofa, u ma ninsewhom qatt.

### OFFERTI

*GĦALL-KNISJA L-ĠDIDA TA' NAŻARET:* Giuseppe Zarb, £2.

*GĦALL-BŻONNIJIET TAL-QABAR TA' KRISTU:* Carmela Vassallo 5s.; Giuseppe Bonello 5s.; Lorenzo Borg 10s.; Annunziata Dimicoli 8s.; Amneris Scicluna 5s.; Carmelina Buhagiar 6s.; Mary Abram 5s.; Catarina Azzopardi 5s.

*GĦAR-RIVISTA:* Giuseppina Abram 2s.6d.; Alice Benelli 2s.6d.; Sofia Brunetti 5s.; Paola Xerri 3s.; Marianna Muscat 3s.; Filomena Cordina 3s.; Flippa Magro 4s.; Catarina Greck 2s. 6d.; Concetta Mazzitelli 3s.; Berta Aquilina 4s.

*GĦALL-MISSJONI TA' L-ART IMQADDSA:* Valentino Muscat 5s.;

Filomena Attard 3s.; Giuseppe Borda 2s.; Carmelina Abram 4s.; Giovanni Bell 5s.; Assuero Ginnies 4s.; Mariano Cardona 3s.; Annunziata Zammut 5s.; Giuseppe Sammut 2s.; Rita Sammut 3s.

## IMSEĦBIN ĠODDA

Micallef Don Giuseppe, Luca; Mifsud C., Balzan; Mizzi Maria, Żabbar; Mercieca Dott., Qrendi; Magri Giuseppa, Ħamrun; Mercieca Antonio, Ħamrun; Mallia Michelina, S. Ġiljan; Mangion Anthony, Gudja; Meli Vincent, Żurrieq.

Piscopo Dorotea, Tarxien; Polidano Mary, Kirkop; Polidano Annunzjata, Kirkop; Pace Emmanuele, Żejtun; Porter Jessie, Tarxien; Porter Beatrice, Tarxien; Pulo John, Paola.

Redwood John, Kalkara; Racket Mary, Paola.

Schembri Marija, Mosta; Schembri Giuseppina, Mosta; Scicluna Antonia, Tarxien; Spiteri Leonardo, Kirkop; Sacco Giuseppe, Kirkop; Spiteri Nona, Kirkop; Serge Maria, Paola; Sant Mary, Tarxien; Schembri Maggie, Tarxien; Schembri Pawlina, Tarxien; Saliba Filomena, Marsaxlokk; Scicluna Francesco, Żejtun; Spiteri Pawlinu, Tarxien; Scicluna Teresa, Żabbar; Sciberras Salvatore, Lija; Sant Spiridione, Ħamrun; Sciberras Gracy, S. Ġiljan; Schembri Florio, Paola.

Tabone Giuseppe, Paola; Taliana Rosaria, Kirkop; Theuma Angela, Kirkop; Tonna Carmela, Tarxien.

Vassallo Carmelo, Marsa; Vella Ketty, Żabbar; Vella Paolina, Lija.

Xuereb Anthony, Mġarr, Għawdex.

Wismajer Antonia, B'Kara.

Zerafa Lily, Misida; Zammit Paolo, Ħal Safi; Zahra Carmelo, Qormi; Zammit Luigi, Ħal Safi.

✝

## REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-Imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn il ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

NAZZARENO MAGRO li miet in-Naxxar fit-2 ta' Settembru 1953.

CARMELO CAMILLERI li miet in-Naxxar fl-20 ta' Marzu 1945.

TERESA MUSCAT li mietet in-Naxxar fit-8 ta' Settembru 1951.

NUTAR CIAPPARA li miet in-Naxxar fl-4 ta' Mejju 1936.

GIUSEPPA GALEA li mietet in-Naxxar fid-9 ta' Mejju 1952.

GIUSEPPE CIAPPARA li miet in-Naxxar fit-28 ta' Frar 1951.

EUGENIA BORG li mietet in-Naxxar fil-25 ta' Ottubru 1952.

RICARDO BORG li miet in-Naxxar fid-29 ta' Jannar 1951.

GIUSEPPE SCIBERRAS li miet il-Furjana fit-8 ta' Mejju 1817.

CATARINA VALLETTA li mietet Birkirkara fl-10 ta' Diċembru 1951.

GIUSEPPE GALEA li miet Birkirkara fit-22 ta' Awissu 1955.

MARIA MONTEBELLO li mietet Ħal Tarxien fl-1947.

PAWLU MALLIA li miet Ħal Balzan fid-19 ta' Novembru 1955.

FRANCESCO CARDONA li miet Ħal Balzan fit-8 ta' Frar 1956.

PAWLA CARDONA li mietet Ħal-Balzan fis-17 ta' Frar 1956.

GIUSEPPE CARABOTT li miet Ħal Tarxien fid-19 ta' Marzu 1954.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**

# MALTA JOK!

Darba kien hemm sultan tat-Torok u bagħat l-armirall tiegħu b'qatgħa xwieni biex jieħu Malta. Imma l-armirall ma kienx imħarreġ fil-baħar, u beda jsuq ix-xwieni 'l hawn u 'l hemm fil-baħar u lil Malta ma saṭax isibha. Meta ra li kien sa jintemmlu l-ikel u l-ilma, u lil Malta ma sabhiex, raġa' lura għal għand is-sultan. Daħal quddiemu u qallu: "Malta Jok", jiġifieri: "Malta m'hix hemm".

Is-sultan beda jgħajjat miegħu u jgħajjru li kien ħmar, għax ma jistax ikun li Malta ma kienetx għadha fil-baħar.

Is-sultan għajjat lill-qadi u amru jġiblu l-mappa biex juri lill-armirall fejn kienet Malta. Meta ġabhielu, beda jfittex u jfittex, u billi ma kienx imħarreġ fil-mapep, anqas hu ma saṭa' jsibha. Wara xi nofs siegħa li dam ifittex u ma sabhiex, qabeż qallu l-armirall: "Agħdirni, ja sultan, għax sa ngħidlek kelma. Fuq karta ta' xiber wisa' ma tistax issib lil Malta, kif ridt lili nsibha f'baħar kbir bħal dak?"

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Il-għaġla uħt in-nadâma.* Il-għaġla oħt l-indiema. Qawl ċar minnu fih.

*La tabdi bi għamel li ma fik ittemmu.* Jiġifieri: tibdiex xogħol li ma jkollokx biex ittemmu. Għax jekk tħallih nofs magħmul, ma jkunx jiswielek u l-flus tkun infaqthom għal xejn. U jista' jkun ukoll li sa kemm tikseb flus biex ittemmu, ma tkunx tinħtieġu aktar u hekk tkun għamilt nefqa battala.

*La tadumm u la taxkor, qabel sena u siṯṯ axhor.* Jiġifieri: la tmaqdar u la tfaħħar qabel sena u sitt xhur. Għax il-ħaġa ma tagħrafhiex mill-ewwel, imma biex tkun taf sewwa jekk hix tajba jew ħażina, trid ħafna żmien.

---

## TAGĦRIFA

Waslilna l-ktieb ġdid "TNAX-IL SIEGĦA ADORAZZJONI" tal-Kan. Dun Karm Caruana, mitbugħ mill-magħrufa ditta Giov. Muscat tal-Belt.

*"Tnax-il Siegħa Adorazzjoni"* huwa ktieb tar-ruħ, tabilħaqq "ġawhra", li l-Kan. Dun Karm tan-Nadur ta' Għawdex, (kittieb biżżejjed magħruf f'dan il-qasam ta' kitba tar-ruħ), ried iħalli qabel ma jmut lil dawk l-erwieħ insara li, miġbudin għall-għaqda dejjem aktar ġewwenija m'Alla tagħhom, biex jgħinhom ifittxu u jsibu din il-għaqda fil-Qalb Ħanina ta' Ġesù u fit-Tabernaklu Mqaddes. Għalhekk, kif nifhmu aħna, dan il-ktieb jista' jkun ta' għajnuna mhix ċkejkna lil kull ruħ nisranija, għatxana mill-imħabba tal-Mulej, li tingħabar u tintwera lilna, b'ħass mill-aktar li jolqot, fil-Qalb Ħanina ta' Ġesù u fl-Ewkaristija Mqaddsa.

Fil-waqt li nroddu ħajr minn qalbna lid-ditta "Giovanni Muscat", inħajru lill-Qarrejja tagħna biex jinqdew b'dan il-ġdid ktieb għall-ġid ta' ruħhom.

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-HIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

# ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum lit-tfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

---

**Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.**


MONS SION IN JERUSAL